**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 7 - L-ERBGĦA, 7 TA' OTTUBRU 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19:00 sal-22:00.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | David Thake | Viċi Sindku (Mit-19:40) |
| | Raymond Tabone | Kunsillier (sad-21:12) |
| | Paul Bugeja | Kunsillier |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Matthew John Barbara | Kunsillier (Sas-19:07) |
| | Stephen Cremona | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Alfred Grima | Kunsillier |
| | Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| | Robert Piscopo | Kunsillier |
| | Daniel Grima | Kunsillier |
| Assenti: | Simone Aquilina | Chairperson KAB |
| | Rudy Dorekens | Ambaxxatur taż-żgħażagħ |

1. **APOLOĠIJI**

1.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillieri A. Grima, Buhagiar u Piscopo kienu infurmawh li ma setgħux jattendu. Kopja tal-emails annessi f'A. *Aktar tard waslet sms għand is-Sindku mingħand il-Kunsillier D Grima jinfurmaha li għalkemm prova jiġi għal-laqgħa ħassu ma jiflaħx tant li ma felaħx jiġi għal-laqgħa*.

2. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Tressqu l-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Kien hemm qbil unanimu li fl-aħħar tat-tieni linja ta’ para. 4.12, wara “*Grima”* jiżdied “*u A. Fenech.”*

2.3. Il-minuti kienu imbagħad approvati unanimament kif emendati. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent SE.

3. **PUNTI MILL-MINUTI**

3.1. Il-Kunsillier Bugeja staqsa dwar para. 5.2 dwar ix-xiri ta’ compactor. L-Aġent SE informa li għadu qed jistenna stima.

3.2. Is-Sindku infurmat li dwar para. 4.2, dwar laqgħat dwar is-saħħa, il-laqgħat bdew isiru.

3.3. Dwar para. 4.3 dwar skema għall-attivitajiet għal Diċembru s-Sindku infurmat li saret applikazzjoni għal attività għal Diċembru bl-isem Festa Ponsietta.

3.4. Dwar para. 4.6 dwar proġetti artistiċi fil-pubbliku, is-Sindku infurmat li waħda mill-proposti f`San Pawl il-Baħar kienet waħda minn għaxra minn Malta kollha li għaddiet għat-tieni fazi.

3.5. Fuq mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar para. 12.1.5 dwar petizzjoni is-Sindku infurmat li l-ewwel wieħed għandu jara x’se jirriżulta mir-rapport li qed jitħejja dwar miżuri tat-traffiku. Il-Kunsillier Bugeja informa li kien hemm rapport bi proposta ta’ sistema ta’ traffiku tajba li kienet saret minn sottokumitat fis-snin l-imgħoddija. Il-Kunsillier Cremona appella biex dawk il-proposti individwali li jkunu jagħmlu sens għandhom ikunu approvati. Il-Kunsillier Bugeja rrakkomanda li jkun iffurmat sottokumitat.

3.6. F’dan il-ħin is-Sindku nnutat li kellha sms mingħand il-Kunsillier D Grima jinfurmaha li ma jiflaħx u ma jistax jattendi.

3.7. F’dan il-ħin ukoll il-Kunsillier Barbara talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa.

3.8. Dwar is-suġġett tal-immaniġġjar tat-traffiku l-Kunsillier Tabone appella għall-konsultazzjoni mal-pubbliku. Is-Sindku rrimarkat li giet infurmata mir-residenti li ma kinux ikkonsultati meta nbidlet is-sistema tat-traffiku msemmija f`paragrafu 12.1.5 u li hu importanti li jkun hemm konsultazzjoni.

3.9. Kien hemm qbil li jkun maħtur sottokumitat kif propost mill-Kunsillier Bugeja f’para. 3.5 fuq. Dan is-sottokumitat ikun magħmul mis-Sindku, mill-Kunsillieri Cremona, D. Grima, Fenech, rappreżentant minn TM u possibilment espert fuq l-immaniġġjar tat-traffiku.

3.10. Dwar para. 12.1.6 kien hemm qbil li l-karozza tal-Kunsill tittieħed għand l-aġent.

3.11. L-Aġent SE staqsa dwar deċiżjoni li kienet ittieħdet dwar żebgħa fuq il-bankini kontra l-ħmieġ tal-klieb fejn informa li l-istencil għal dan ix-xogħol hija lesta imma xtaq il-gwida tal-Kunsill dwar il-kulur taż-żebgħa. Il-Kunsill qabel li l-aktar kulur addattat jidher li huwa l-iswed.

4. **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA**

4.1. Is-Sindku infurmat li kienet tinsab fl-aħħar fażi li tiffinalizza l-applikazzjoni għall-kompetizzjoni u award għall-aħjar miżura permanenti biex jippromwovu t-trasport sostenibbli. Hija infurmat li l-applikazzjoni titratta l-passaġġi għar-roti,

skema ta' sussidju fuq roti, u roti u muturi li jaħdmu b'mutur elettriku, *electrical charging points* u kampanja ta' tqassim ta' informazzjoni.

4.2. Is-Sindku semmiet il-konsultazzjoni li qed issir mal-Kunsilli Lokali dwar ir-regolamenti dwar l-imwejjed u s-siġġijiet kif ukoll dwar il-ftuħ tal-iskejjel. Hija ssuġeriet li ssir konsultazzjoni mar-residenti u sidien ta' negozji fil-lokalita` billi ngħidu lill-MEPA u MTA biex jagħmlu laqgħa fil-lokalita` u jispjegaw ir-regolamenti. Kien hemm qbil li l-Kunsill jipproċedi filwaqt li l-Kunsillieri Cremona, D Grima, P Bugeja u s-Sindku se jagħmlu tentattiv biex iduru d-dokument flimkien possibilment is-Sibt filgħodu sabiex ikunu jistgħu jibagħtu l-kummenti fil-ħin.

4.3. Tressqu żewġ talbiet minn sidien ta' dgħajjes tal-qlugħ biex jitħallew itellgħuhom u jħalluhom fuq il-moll. Is-Sindku qrat korrispondenza mingħand TM dwar talba simili s-sena l-oħra Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm ikollhom il-permessi kollha neċessarji u jsegwu numru ta` kundizjonijiet.

4.4. Is-Sindku infurmat li kien wasal iż-żmien li l-Kunsill jilqa' l-*bookings* biex joffri s-servizz tal-għoti tal-vaċċin kontra l-influenza. Għalhekk wieħed jista' jiġi jibbukkja l-Kunsill sal-15 ta' Ottubru. Hija infurmat li l-Kunsill, kif jagħmel is-soltu se jħallas għas-servizz tal-għoti tal-vaċċin.

4.5. Tressqet oġġezzjoni għal applikazzjoni għall-iżvilupp biex titpoġġa gabbana (PA 3066/15).

4.6. Tressqet ukoll oġġezzjoni għal applikazzjoni għall-iżvilupp PA 2663/15.

4.7. F'dan il-ħin wasal il-Viċi Sindku.

4.8. Dwar PA 3066/15 il-Kunsill qabel li joġġezzjona għall-fatt li skont is-*site plan* il-gabbana hi ppjanata fuq żona ta` proġett tal-Kunsill b'fondi tal-UE.

4.9. Dwar PA 2663/15 il-Kunsill qabel li ssir oġġezzjoni jekk jinstab li l-iżvilupp se jidħol fuq proġett ippjanat tal-Kunsill u li għalih hemm il-permess tal-MEPA.

4.10. Tressqet talba mill-Kumitat tal-Festa biex jinbidlu 35 tappiera tal-arbli li qiegħdin jinkissru u huma ta` periklu u jsiru tal-fondut. Talbu biex l-ispejjeż tax-xiri tat-tappieri u materjal ieħor jsiru mill-Kunsill filwaqt li x-xogħol jagħmluh huma. Il-Kunsill qabel li joffri l-għajnuna finanzjarja għal dan ix-xogħol, u jindaga kemm hi l-ispiża filwaqt meta jsiru għandhom jibqgħu propjetà tal-Kunsill bid-dritt li jużahom meta jkun jeħtieġhom il-Kunsill.

4.11. Il-Kunsill kien infurmat li kien hemm DNO approvata għall-proġett ta' tisbieħ fi Triq il-Luzzu.

4.12. Tressqet applikazzjoni mingħand il-Bellavista Hotel Group biex jagħmel estensjoni tal-bankina fejn għandu l-cafeteria. Is-sid ser iħalli l-ispazju quddiem il-garaxx għall-użu pubbliku. Il-Kunsill qabel li m'għandux ikollu oġġezzjoni sakemm ikollhom il-permessi meħtieġa u li din issir temporanja bi struttura tal-injam. Għandu jkun hemm ukoll klawsola li titlob kull konsiderazzjoni għas-saħħa u s-sigurtà.

4.13. Is-Sindku infurmat li kien hemm talba biex il-Kunsill jinnomina rappreżentanza tal-Kunsill fuq il-Kumitat tat-Turiżmu. Kien hemm qbil biex ir-rappreżentanti jkunu s-Sindku u l-Kunsillier Cremona bħala sostitut.

4.14. Il-Kunsill kien infurmat li l-iskrivana Gloria Debono kienet tefgħet ir-riżenja tagħha mill-Kunsill. Is-Sindku f'isem il-Kunsill irringrazzjat lis-Sinj. Debono tas-servizz tagħha fl-aħħar snin.

4.15. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jissospendi l-aġenda biex jisma żewġ persuni mill-Green Malta Project, kumpanija Maltija. Dawn ippreżentaw proposta lill-Kunsill biex ipoġġu magni li permezz tagħhom il-pubbliku jkun jista' jiddisponi mill-fliexken tal-plastic fihom u talli jagħmlu hekk jingħataw *vouchers*. Dawn il-magni jkunu ta' daqs bejn wieħed u ieħor tal-magni li jbiegħu il-minerali. Kemm-il darba l-konkorrenza tkun kbira l-Kunsill jingħata 10% tal-profitt li jsir mill-qliegħ ta' din il-kumpanija. Li jkun irid jagħmel il-Kunsill huwa li jipprovdi l-konnessjoni elettrika għalkemm dawn il-magni jikkunsmaw elettriku mill-inqas.

4.16. Meta fit-8:28 l-Kunsill kompla bl-aġenda tiegħu kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jidħol sħab f'dan il-proġett ta' Green Malta Project filwaqt li kien hemm qbil biex kull Kunsillier jipproponi lok fejn jistgħu jitpoġġew dawn il-magni.

5. **APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI/SERVIZZI**

5.1. Kienet ippreżentata l-lista ta' kontijiet pendenti. L-Aġent SE informa li l-kont numru 760 kellu jitnaqqas minħabba li kien infurmat li l-Enemalta kienet se tgħaddi *credit note*.

5.2. Dwar kont li kien hemm ta' xogħol ta' tiswija ta' kanen il-Kunsillier Tabone ġibed l-attenzjoni li dan jista' jkun responsabbiltà ta' sid il-bini u għalhekk kien hemm qbil biex qabel ma jitħallas ikun iċċekkjat sewwa ta' min hi r-responsabbiltà.

5.3. F'dan il-ħin, fit-8:35pm, il-Kunsill qabel li jisma lis-Sur Daniel Armeni, kuntrattur li kien tqabbad fuq id-dawl tal-Milied 2014 minħabba allegat kontijiet pendenti li jlaħħqu l-ammont ta' €3,800. Huwa qal li kien ressaq il-kontijiet f'Jannar 2015 u l-istess għamel xahar ilu. Iddikjara li kien ordna x-xogħol l-Aġent SE Frans Chircop u minkejja li kien ifakkarhom baqa' qatt ma tħallas. Meta kien mistoqsi, l-Kunsillier Tabone informa li sakemm kien Sindku hu qatt ma ra l-kontijiet imsemmija. Il-Viċi Sindku ippropona li jitqabblu l-kontijiet kollha relatati mad-dawl tal-Milied tas-sena 2014 ma' dawk tas-sena 2013.

5.4. Il-lista ta' pagamenti imbagħad kienet approvata kif annessa f'B.

6. **XIRI TA' UNIFORMIJIET GĦALL-ĦADDIEMA KLERIKALI**

6.1. Il-Kunsill qabel li wasal iż-żmien li jinxtraw sett uniformijiet ġodda għall-ħaddiema klerikali u għalhekk għandha toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet.

7. **KWOTAZZJONIJIET GĦAT-TINDIF TAL-LATRINI U TAL-UFFIĊINI**

7.1. Kienu ppreżentati rapporti dwar il-kwotazzjonijiet tat-tindif tal-latrini u tal-uffiċini tal-Kunsill.

7.2. Dwar l-għażla tal-irħas kwotazzjoni għas-servizz tat-tindif tal-uffiċini, Floorpul Ltd, il-Kunsillier Tabone talab biex qabel ikun hemm il-konferma l-Amministrazzjoni tindaga jekk din il-kumpanija hijiex *blacklisted*.

7.3. Il-Kunsill qabel unanimament mad-deċiżjonijiet meħuda u approva r-rapporti.

8. **ATTIVITAJIET GĦALL-MILIED U TIŻJIN TAT-TOROQ**

8.1. Il-Kunsillier Fenech ipproponiet li għal żmien il-Milied il-Kunsill jorganizza attivitajiet f'San Pawl u fil-Qawra. L-Aġent SE fakkar li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ma tippermettix ċertu ammont ta' nfiq.

8.2. Il-Kunsillier Bugeja staqsa jekk hemmx figura kemm intefqu flus is-sena ta' qabel. L-Aġent SE informa li ma kellux l-informazzjoni f'idu iżda seta' jiġbor l-informazzjoni.

8.3. Il-Kunsillier Fenech fakkret li l-Kunsill kellu jiddeċiedi x'se jagħmel malajr minħabba li ried jordna l-proviżjoni tal-elettriku.

8.4. Il-Kunsillier Tabone ssuġerixxa li sa minn tliet ġimgħat qabel idealment il-Kunsill ipoġġi tabelli biex ma jipparkjawx.

9. **SEJĦA GĦAL IMPJIEG MAL-KUNSILL**

9.1. Is-Sindku infurmat li kien hemm il-ħtieġa li jsir ristrutturar fl-amministrazzjoni. Dan jinkludi sejħiet għal skrivani ġodda filwaqt li għandhom jinħarġu sejħiet interni biex żewġ skrivani tal-Kunsill jitilgħu grad.

9.2. Il-Kunsill qabel.

10. **TMIEM IL-LAQGĦA**

10.1. Qabel ma ntemmet il-laqgħa kienu mressqa dawn li ġejjin:

10.1.1. Il-Kunsillier Bezzina infurmat li ser tippjana ħarga fix-xahar. Il-ħarġa għax-xahar ta' Ottubru, li se ssir fil-21 ta' Ottubru se tkun għall-Belt Valletta fejn se ssir żjara fil-Parlament u fil-Fortification Interpretation Centre. Hija infurmat li l-ħarġa ta' qabel għal Għawdex kienet suċċess u attendew ammont kbir ta' nies.

10.1.2. F'dan il-ħin il-Kunsillier Tabone talab li jkun skużat.

10.1.3. Il-Viċi Sindku skuża ruħu ma' bagħatx rapport dwar sistemi tat-telefon u kompjuterizzati li kien wiegħed iżda se jipprova darba oħra.

10.1.4. Il-Kunsillier Bugeja staqsa x'kien sar mix-xogħol li kellu jsir għat-tisqija fil-ġnien ta' Triq Parades. L-Aġent SE wieġeb li sa fejn jaf hu ix-xogħol neċessarju kien sar.

10.1.5. Il-Kunsillier Buġeja staqsa jekk kienx hemm xi progress fuq it-talba tal-Kunsill biex isir siġġu tal-baħar għall-persuni b'diżabilità. Is-Sindku wieġbet li t-talba kienet saret u ghaddejja komunikazzjoni mal-KNPD dwar dan.

10.1.6. F'dan il-ħin l-Aġent SE informa li ftit tax-xhur qabel kien l-Isvezja u ra rampa li permezz tagħha me kienx hemm għalfejn li jkun hemm siġġu mekkanizzat li jkun suġġett għal ammont ta' ħsara mill-elementi iżda wieħed ikun jista' juża siġġu normali filwaqt li jkun jista' jintuża wkoll minn persuna li, minkejja li ma jużawx siġġu tar-roti jkollom problemi ta' mobilità. Huwa wiegħed li se jgħaddi ritratt ta' din ir-rampa.

10.1.7. Il-Kunsillier Bugeja semma li hemm problema wkoll b'numru ta' rampi għall-persuni b'diżabilità.

10.1.8. Il-Kunsillier Bugeja informa li fir-rigward tat-tindif tal-latrini kien hemm titjib sostanzjali iżda hemm ħsara wieħed mit-toilets li se jmur jiċċekkja.

10.1.9. Il-Kunsillier Bugeja staqsa dwar il-kuntratt tal-ġbir ta' skart fejn l-Aġent SE wieġeb li għadu ftit lura fih.

10.1.10. Il-Viċi Sindku informa li ċ-*charging point* ta' fejn iċ-ċinema hija mkissra. Il-Kunsill kien infurmat li dwar dan diġà hemm rapport minħabba li kien hemm inċident fejn vettura baqgħet dieħla fuqu u saru xi ħsarat.

10.1.11. Il-Kunsillier Cremona informa li hemm zebra crossing fi Triq Toni Bajada li trid tiġi miżbugħa mill-ġdid. Il-Kunsillier Bezzina infurmat li oħra simili tinsab ħdejn il-Pjazza. Il-Kunsillier Cremona ippropona li dik ta' ħdejn Flora Hotel ta' ħdejn il-BOV l-ġdid tiġi mċaqilqa biex minflokha ssir *un/loading bay.*

10.1.12. Il-Kunsillier Cremona esprima x-xewqa li l-Kunsill ikellem lil TM minħabba l-istorbju tal-muturi mill-By Pass. Issuġerixxa li jkunu installati *rumble strips* jew miżuri oħra ta' kkalmar tat-traffiku biex titnaqqas il-veloċità tat-traffiku. Appella wkoll biex issir talba lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jagħmel sorveljanza.

10.1.13. Huwa fakkar fil-laqgħa li għandha ssir mal-propjetarju tal-Luna Park ħalli għal sena oħra jkun kollox miftiehem bil-quddiem.

10.1.14. Il-Kunsillier Cremona tkellem dwar il-possibiltà ta' miżata għall-iskart għall-ħwienet jekk dan jinġabar mill-Kunsill. Huwa informa li wara li l-Kunsill esprima t-tħassib tiegħu, kienet intbagħatet ittra mill-MTA biex ifakkruhom li għandu jkollhom il-kuntrattur tal-iskart tagħhom. Is-Sindku nfurmat li l-MTA qiegħda tiġbor informazzjoni dwar min għandu kollettur privat sabiex wieħed ikun jista' jiddeċiedi dwar l-aħjar soluzzjoni possibli.

10.1.15. Huwa ppropona wkoll li titressaq talba lil TM biex issir linja fiċ-ċentru tat-triq fejn kien hemm il-Posta (fejn hemm il-kantuniera l-kerha). Madanakollu intqal li dan mhux possibli minħabba li t-triq hija dejqa. Semma wkoll il-possibiltà li jsir anki xi ħadid bħala protezzjoni.

10.1.16. Il-Kunsillier Fenech infurmat li fil-lokalità hawn żieda ta' ġrieden. Il-Kunsillier Bugeja informa li din hija xi ħaġa li wieħed jistenna li tiġri wara kull sajf minħabba li min-naħa tax-xtut, fejn fis-sajf isibu aktar x'jieklu, jitilgħu ifittxu l-ikel aktar il-fuq. Sadanittant però għandhom ikomplu jsiru r-rapporti lid-Dipartiment konċernat.

10.1.17. Il-Kunsillier Vella informa li kienet saret il-laqgħa taż-żgħażagħ. Huma kienu identifikaw ħames siti li jistgħu jintużaw għaż-żgħażagħ u li għalihom setgħu japplikaw bi proġett tal-Kunsill taż-Żgħażagħ.

10.1.18. Il-Kunsillier Vella informa li l-Ambaxxatur mhux qed jattendi għall-ebda laqgħa u lanqas ma kien qiegħed jattendi għal-laqgħat tal-Kunsill. Huwa ħass li kien qiegħed juri nuqqas kbir ta' interess u għalhekk issuġerixxa li għandu jinbidel. Il-Kunsillier Bugeja, filwaqt li esprima li mhux kontra li jinbidel jekk mhux aktar interessat, ħass li l-ewwel kellu jkun mistoqsi jekk għadux interessat. Il-Kunsill qabel li għandu jitneħħa biex jagħmel post għal ħaddieħor.

10.1.19. Il-Kunsillier Vella staqsa dwar il-ħsarat fil-karozza tal-Kunsill. Is-Sindku proponiet li din għandha tinbidel għal waħda izgħar skond l-ispejjeż involuti. Il-Kunsill qabel.

10.1.20. Il-Kunsillier Vella informa li numru ta' globi dekorattivi għandhom dawl b'kulur differenti u li idealment wieħed għandu jara li jkunu ta' kulur konsistenti.

10.1.21. Huwa informa wkoll li kien qiegħed jifforma s-sottokumitat tal-identità lokali.

10.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa l-11 ta' Novembru 2015 fis-7pm.

10.3. Il-laqgħa intemmet fl-22:00.

| | |
|---|---|
| **Graziella Galea** | **Paul Gatt** |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |